# *IS-SEHEM TAN-NISA FIL-FESTI*



Superfiċjalment, mill-ewwel dehra, il-festi jidhru li huma biċċa xogħol annwali ta' l-irġiel. Xogħol l-irġiel fil-festi aktar jidher, tabilħaqq, u hu importanti, ħadd ma jistax jiċħdu, iżda n-nisa, għalkemm li jagħmlu ċertu xogħol li jidher, jagħmlu wkoll bosta xogħol li ma jidhirx, kif sejrin naraw.

Ċertu xogħol li jidher: naraw lin-nisa jagħmlu l-*flower arrangements*, li rarament issib li jagħmluhom irġiel, nisa jkunu li jaħslu l-art, fil-knijsa u kif jaħslu n-nisa ma jaħslux l-irġiel, ma noqogħdux induru mal-lewża aħna l-irġiel. In-nisa ssibhom fit-tombli u lotteriji, għax kif għandhom ħabta huma li jwassluk li tieħu biljett ma' hawn ħadd. Issibhom iqassmu l-arbural permezz ta' l-envelopes, iterrqu tgħidx kemm u jinżlu u jitilgħu taraġ biex jitfgħulek dak l-envelope fil-*letter-box*.

U ssib nisa jiġbrulek insomma għal kollox; għan-nar, għall-festa interna, għall-armar tat-triq, għall-baned. U l-aktar li jidhru, ejja ngħiduha u nieħdu gost bihom, huwa fil-kor, fejn jidhru wara kunċerti, jew provi, jew ta' llum jifhmuna aktar, *rehearsals* twal u tedjużi, biex fin-novena u fil-festa jkunu perfetti fil-kant tagħhom.

Iżda mbagħad għandek lin-nisa fix-xogħol moħbi, fil-ħidma li hija *behind the scenes*, bil-Malti-Taljan, wara l-kwinti. L-irġiel, iva, idendlu l-bandalori, irġiel jixxabbtu bis-sellum ħalli jwaħħlu d-dwal u l-pavaljuni, iżda n-nisa kienu li ħituhom, nisa kienu li sewwewhom. Nisa jsewwu d-damask tal-knisja, f'bosta każi u ssib nisa li jnaddfu l-fided ukoll. U jafu kif!

Iżda ma rridux ninsew il-parti li għandha l-mara fit-tħejjija, qabel u nhar il-festa. Tibda mid-dar: tindif, tibjid, żebgħa, jekk m'għandhiex parti attiva, għandha l-amministrazzjoni, tgħid x'hemm bżonn li jsir u tixtri li hemm bżonn. Tara x'jonqos, tixtri lampi, tubi, brazzi, xi biċċa għamara żgħira, ġdida, xi alterazzjoni hemm, xi żieda hawn. U r-riżultat? Dar impekkabbli, imżejna, mixgħula, imdawla, pulita għall-festa. Nammettu, irġiel, li dan isir bis-saħħa tagħha, tal-mara!

U l-ikla; tibda minn ġranet qabel, tippjana l-ikla, min ġej, lil min tistieden, x'ser issajjar. Ġibha quddiem għajnejk, bilqiegħda mal-mejda, idejha taħt geddumha taħseb: "Is-sena l-oħra kelli *lasagne*, u dis-sena dawk ma nagħmilhomx. It-tifla qaltli b'riċetta sabiħa, bil-laħam. Dik! U bilħaqq, birra, u luminata u ilma minerali, u nbid... u..." Kollox f'moħħa.

Ghandek ukoll, daż-żmien, il-parteċipazzjoni ta' nisa, ejja ngħidu tfajliet, fil-baned, li jżidu l-kulur f'banda, b'dik il-beritta ravjula fuq rashom, b'serjetà kbira, jaqraw il-parti u jdoqqu. U la semmejna l-marċi, sirna naraw anke tfajliet u nisa, jieħdu parti fil-marċi, mhux idoqqu iżda fil-briju, b'xi bżieżaq f'idejhom, jew b'xi umbrella bl-ilwien tal-każin f'idejhom.

Konna qegħdin nitkellmu dejjem dwar il-festa titulari, naturalment, iżda naraw, daż-żmien, ukoll, kemm ikunu attivi n-nisa fil-*pageants* li jsiru fil-Milied, u li anke saru popolari dawk tal-Ġimgħa l-Kbira. Barra li bosta tfajliet u anke ta' età matura, jieħdu sehem fuq il-palk, dawn jieħdu sehem kbir *back-stage*, kemm fil-kostumi u fl-għażla tagħhom, u kemm fil-ħjata tagħhom.

Fi ftit kliem, dak iż-żmien li l-mara, fil-festa tal-belt jew tar-raħal kienet biss għad-dar, u tassisti biss għall-funzjonijiet speċjali, festivi, fil-knisja, issa għadda u mar, u l-mara tidher li qed tasserixxi d-drittijiet tagħha ta' egwaljanza mar-raġel billi tieħu sehem attiv, meħtieġ (għax ċertu xogħol donnu hu tagħha) u kreattiv u taħdem parti, tagħti sehem, daqs raġel.

Il-festa t-tajba, qaddisa, reliġjuża, minn qalbi lin-nisa kollha Bormliżi, u anke lill-irġiel.

Charles Clews

**AKZONOBEL SIKKENS**

*No. 1 Car Paint in Malta*

JimCam Enterprises Limited
5, TRIQ L-GĦOLJIET, MELLIEĦA – MALTA
Tel: (+356) 520330 - 573034
Fax: (+356) 520330

**Uża dan ir-reklam għal 10% SKOND fil-*Car Paint*.**
**Din l-offerta hija valida biss matul Jannar 2000.**